



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0194(COD)

6164/1/21
REV 1 ADD 1

GAF 18
FIN 113
CADREFIN 69
CODEC 202
PARLNAT 86

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-“programm Pericles IV”) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 331/2014

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-13 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-31 ta' Meju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-“programm Pericles IV”)¹, li huwa parti mill-pakkett imressaq fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Hija kkomplementata minn proposta oħra tal-Kummissjoni li testendi l-programm Pericles IV għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li għad mhumiex jużaw l-euro bħala l-munita unika tagħhom², li ser tkun soġġetta għal proċedura ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 352 TFUE.
3. Fit-13 ta' Frar 2019, il-Plenarja tal-Parlament Ewropew adottat risoluzzjoni leġislattiva għal pożizzjoni fl-ewwel qari³.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'diversi laqgħat bejn Ġunju u Diċembru 2018. Fid-19 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta mandat parzjali⁴ biex jinbdew negozjati mal-Parlament Ewropew, minħabba xi dispożizzjonijiet orizzontali marbuta man-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

¹ Dok. 9589/18 + ADD 1 + ADD 2 (COM(2018) 369 final + ANNESS + SWD(2018) 281 final).

² Dok. 9625/18 (COM(2018) 371 final).

³ Dok. 6213/19.

⁴ Dok. 14985/18 + ADD 1.

5. Bejn Frar u Novembru 2020, it-test tal-abbozz tar-Regolament ġie nnegozjat mal-Parlament Ewropew fil-livell tekniku u ġew solvuti kwistjonijiet sostanzjali b'kompromessi miż-żewġ naħat.
6. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi ġew ikkonsultati dwar it-test wara li ntlaħaq il-qbil politiku dwar il-QFP fl-10 ta' Novembru 2020. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, li kkonfermat il-mandat tal-Presidenza, fid-29 ta' Jannar 2021 il-Parlament Ewropew ospita trilogu permezz ta' vidjokonferenza, fejn intlaħaq qbil proviżorju, soġġett għal rieżami mill-ġuristi lingwisti.
7. Fid-29 ta' Jannar 2021, il-qbil proviżorju ġie ppreżentat bil-miktub lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi, li ma kellhom ebda oġġezzjoni għat-test tal-ftehim.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali fit-3 ta' Frar 2021⁵.
9. Dak it-test ġie ppreżentat għall-votazzjoni ta' konferma mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' Frar 2021. Fl-istess jum, il-President tal-LIBE ffirma ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) fejn qal li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew fil-forma kif tinsab fl-anness għal dik l-ittra, huwa ser jirrakkomanda lill-plenarja tal-Parlament Ewropew li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emenda, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

⁵ Dok. 5631/21 + ADD1.

II. OBJETTIV

10. Il-programm Pericles IV għandu l-għan li jiproteġi l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġa u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, li fejn ikun xieraq jinkludu lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-programm Pericles IV ser jieħu post il-programm Pericles 2020 biex jiżgura li dan jitkompla lil hinn mill-2020.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

11. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari").
12. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-kompromess ġust milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
13. Il-ftehim jiffoka fuq:
 - bilanċ bejn id-dispożizzjonijiet proċedurali u d-daqs limitat ħafna tal-programm. B'mod partikolari, il-programm ta' ħidma jiġi adottat permezz ta' atti ta' implimentazzjoni (*Artikolu 10*) u l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw ir-Regolament biex jiġu żviluppati d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll li jemendaw l-Anness biex jirrevedu u jikkomplementaw l-indikaturi fejn meħtieġ għall-finijiet ta' evalwazzjoni (*Artikolu 12*);

- rati massimi ta' kofinanzjament għal għotjiet stabbiliti għal 75 % tal-kostijiet eliġibbli, li, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jistgħu jiżdedu sa massimu ta' 90 % tal-kostijiet eliġibbli (*Artikolu 8*);
- l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni l-iffalsifikar u l-frodi b'rabta mal-euro (*Artikolu 6*) inkluż fost l-azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ finanzjarju;
- impenn mill-Kummissjoni sabiex, fit-tnejn tal-programmi ta' ħidma, tqis l-attivitajiet eżistenti u pjanati tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-Europol kontra l-iffalsifikar u l-frodi b'rabta mal-euro (*Artikolu 4*);
- tiddaħħal il-kelma “*indipendenti*” fl-*Artikolu 13*, li jipprevedi t-tweġġ ta' evalwazzjoni interim indipendenti;
- il-BĊE jiżded mal-lista ta' istituzzjonijiet li għandhom jingħataw informazzjoni kull sena dwar ir-riżultati tal-programm Pericles IV (*Artikolu 12*);
- dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament mill-1 ta' Jannar 2021 li jippermettu l-kontinwità tal-attivitajiet iffinanzjati mill-programm (*Artikoli 16 u 17*);
- sett ta' indikaturi ewlenin għall-evalwazzjoni tal-programm Pericles IV, kif ukoll referenza għall-fatt li l-ġbir tad-data dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ser isir mill-Kummissjoni u/jew mill-benefiċjarji tal-programm (*Anness*).

IV. KONKLUŻJONI

14. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta bilanċ tajjeb u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament il-ġdid ser jissodisfa l-oġġettiv li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata miegħu, u b'hekk isaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni u jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.